

32000D0479

28.7.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 192/36

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-17 ta' Lulju 2000****dwar l-implimentazzjoni ta' reġistru Ewropew ta' emissjoni ta' tniġġis (EPER) skond l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE li tikkonċerna l-prevenzjoni integrata ta' tniġġis u kontroll (IPPC)***(notifikata taħt id-dokument numru K(2000) 2004)***(Test b'relevanza ŻEE)****(2000/479/KE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 li tikkonċerna l-prevenzjoni integrata ta' tniġġis u l-kontroll <sup>(1)</sup>, u in partikolari l-Artikolu 15(3) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 96/61/KE jirrikjedi l-Istati Membri biex jagħmlu inventarju u jipprovdu data ("data") dwar emissjonijiet prinċipali u sorsi responsabbli.
- (2) Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati ta' l-inventarju kull tliet snin u għandha twaqqaf il-format u l-partikolarijiet għat-trasmissjoni t'informazzjoni pprovdata mill-Istati Membri skond il-proċedura ta' l-Artikolu 19 tad-Direttiva 96/61/KE.
- (3) Il-miżuri li hemm ipprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19 ta' Direttiva 96/61/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar emissjonijiet minn kull faċilità individwali ma' attività waħda jew aktar kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva 96/61/KE.

2. Ir-rapport għandu jinkludi l-emissjonijiet fl-arja u l-ilma għal kull tniġġis għal liema l-valuri ta' l-għetiebi huma maqbuża; kemm tniġġis kif ukoll valuri ta' l-għetiebi huma speċifikati fl-Anness A1.

3. Id-data ta' l-emissjoni għandha tkun irrappurtata għal kull faċilità skond il-format ta' l-Anness A2, fejn tittieħed nota tad-deskrizzjoni ta' l-attivitajiet kollha kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva 96/61/KE ma' kategoriji ta' sorsi korrispondenti u kodiċi tal-NOSE-P kif speċifikat fl-Anness A3.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport ġenerali, li jinkludi t-totali ta' emissjonijiet nazżjonali kollha rrapportati għal kull kategorija ta' sorsi ma' l-attività prinċipali ta' l-Anness I u l-kodiċi li jikkorrispondu NOSE-P kif speċifikat fl-Anness A3.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull tliet snin.

2. L-ewwel rapport mill-Istati Membri għandu jintbagħat lill-Kummissjoni f'Ġunju 2003 li jipprovdi *data* dwar l-emissjonijiet fl-2001 (jew inkella 2000 jew 2002, meta d-*data* għall-2001 mhix disponibbli).

3. It-tieni rapport mill-Istati Membri għandu jintbagħat lill-Kummissjoni f'Ġunju 2006 li jipprovdi *data* dwar l-emissjonijiet fl-2004.

4. Mis-sena T = 2008 'il quddiem u dipendenti dwar ir-riżultati tat-tieni ċiklu rrapportat, l-Istati Membri huma inkoraġġati biex jibagħtu kull sena r-rapporti li jkun imiss lill-Kummissjoni f'Diċembru tas-sena T li ttiprovdi *data* dwar l-emissjonijiet fis-sena T-1.

<sup>(1)</sup> ĠU L 257, ta' l-10.10.1996, p. 26.

*Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilità l-*workshops* nazzjonali preparatorji organizzati mill-Istati Membri u tipprepara dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni EPER sa Diċembru 2000 bl-involviment ta' rappreżentanti industrijali u in konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 96/61/KE.

2. Id-dokument ta' gwida għall-implimentazzjoni EPER għandu jindirizza d-dettalji dwar format li jirrapporta u l-partikolaritajiet, inkluża l-interpretazzjoni ta' definizzjonijiet, il-kwalità ta' *data* u l-ġestjoni ta' *data*, ir-referenza għal metodi ta' estimazzjoni ta' emissjoni u *sector-specific sublists* ta' tniġġis għall-kategoriji ta' sorsi kif speċifikat fl-Anness A3.

3. Wara kull ċiklu rrapportat il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati ta' l-Istati Membri li jirrapportaw u teżamina l-proċess ta' l-irrapportar fi żmien sitt xhur mill-wasla mill-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 2.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-*data* kollha rrapportata bi trasferiment elettroniku tad-*data*.

2. Il-Kummissjoni assistita mill-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent għandha tagħmel id-*data* rrapportata aċċessibbli pubblikament bit-tixrid fuq l-Internet.

3. Definizzjonijiet speċifiċi użati fir-relazzjoni għall-emissjoni li tirrapporta li huma mogħtija fl-Anness A4.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membri tal-Kummissjoni*

## L-ANNEX A1

Lista ta' tniġġis sabiex jiġi rrapportat jekk il-valur ta' *threshold* huwa maqbuż

Tniġġis/sustanzi	Identifikazzjoni	Arja	Ilma	Arja f'kg/ta' Thresholds sena	L-ilma fil-firxa kg/sena
1. Kwistjonijiet dwar l-ambjent	(13)	(11)	(2)		
CH <sub>4</sub>		x		100 000	
CO		x		500 000	
CO <sub>2</sub>		x		100 000 000	
HFCs		x		100	
N <sub>2</sub> O		x		10 000	
NH <sub>3</sub>		x		10 000	
NMVOOC		x		100 000	
NO <sub>x</sub>	as NO <sub>2</sub>	x		100 000	
PFCs		x		100	
SF <sub>6</sub>		x		50	
SO <sub>x</sub>	as SO <sub>2</sub>	x		150 000	
Nitroġenu totali	bħala N		x		50 000
Fosfru totali	bħala P		x		5 000
2. Metalli u komposti	(8)	(8)	(8)		
As u komposti	total, bħala As	x	x	20	5
Cd u komposti	total, bħala Cd	x	x	10	5
Cr u komposti	total, bħala Cr	x	x	100	50
Cu u komposti	total, bħala Cu	x	x	100	50
Hg u komposti	total, bħala Hg	x	x	10	1
Ni u komposti	total, bħala Ni	x	x	50	20
Pb u komposti	total, bħala Pb	x	x	200	20
Zn u komposti	total, bħala Zn	x	x	200	100
3. Sustanzi organiċi klorinati	(15)	(12)	(7)		
Diklorotetan-1,2 (DCE)		x	x	1 000	10
Diklorometan (DCM)		x	x	1 000	10
Kloro-alkani (C10-13)			x		1
Ezaklorobenzina (HCB)		x	x	10	1
Ezaklorobutadin (HCBD)			x		1

Tniġġis/sustanzi	Identifikazzjoni	Arja	Ilma	Arja f'kg/ta' Thresholds sena	L-ilma fil-firxa kg/sena
Ezaklorosikloeksan (HCH)		x	x	10	1
Komposti organiċi Aloġenati	bħala AOX		x		1 000
PCDD + PCDF (dijossini + furani)	bħala Teq	x		0,001	
Pentaklorofenol (PCP)		x		10	
Tetrakloretilen (PER)		x		2 000	
Tetraklorometan (TCM)		x		100	
Triklorobenzini (TCB)		x		10	
Trikloroetan-1,1,1 (TCE)		x		100	
Trikloroetilina (TRI)		x		2 000	
Triklorometan		x		500	
4. Komposti organiċi oħra	(7)	(2)	(6)		
Benżina		x		1 000	
Benżina, tuleni, etilbenzina, ksileni	bħala BTEX		x		200
Difeniletru brominat			x		1
Komposti organotini	bħala total Sn		x		50
Idrakarbuni aromatiċi ta' poliċikliku		x	x	50	5
Fenoli	bħala total Ċ		x		20
Karbn totali organiku (TOC)	bħala totali Ċ jew COD/3		x		50 000
5. Komposti oħra	(7)	(4)	(3)		
Kloridi	bħala total Cl		x		2 000 000
Komposti ta' klorin u inorganiċi	bħala HCl	x		10 000	
Ċijanidi	bħala total CN		x		50
Fluoridi	bħala total F		x		2 000
Fluorina u komposti inorganiċi	bħala HF	x		5 000	
HCN		x		200	
PM10		x		50 000	
<b>Numru ta' tniġġis</b>	50	37	26		

## L-ANNEX A2

## Format għall-irrapportar ta' data ta' l-emissjoni mill-Istati Membri

<b>Identifikazzjoni tal-faċilità</b>		
L-isem tal-kumpanija prinċipali L-isem tal-faċilità Indirizz/pajjiż tal-faċilità Kodiċi postali/pajjiż Koordinati tal-post NACE-kodiċi (4 diġitali) Attività ekonomika prinċipali Volum ta' produzzjoni (jekk trid) Korpi regolatorji (jekk trid) Numru ta' Installazzjonijiet (jekk trid) Numru ta' sığhat ta' ħidma fis-sena (jekk trid) Numru ta' ħaddiema (jekk trid)		
<b>L-attivitajiet/proċessar ta' l-Anness I kollha (skond l-Anness I-Anness A3)</b>		<b>Kodiċi ta' l-attività (NOSE-P, 5 diġitali, skond A3)</b>
Attività 1 (attività prinċipali ta' l-Anness I)		Kodiċi 1 (il-kodiċi prinċipali NOSE-P)
Attività 1 (attività prinċipali ta' l-Anness I)		Kodiċi 1 (il-kodiċi prinċipali NOSE-P)
Attività N		Kodiċi N
<b>Data ta' l-emissjoni għall-arja għall-faċilità għal kull tiniġġiż li taqbeż il-valur tal-firxa (skond l-Anness A1)</b>		<b>Rilaxx għall-arja</b>
Tniġġiż 1	M: meqjusa	tkg/sena
Tniġġiż 1	Ċ: kalkulat	
Tniġġiż N	E: estimat	
<b>Data ta' l-emissjoni għall-ilma (dirett jew indirett) għal faċilità għal kull tiniġġiż li jaqbeż il-valur tal-firxa (skond l-Anness A1)</b>		<b>Rilaxx dirett għall-wiċċ ilma</b>
		<b>Indiretta rilaxx bi trasferiment (mid-dranaġġ) għal trattament tal-fdal ta' l-ilma 'l barra mis-sit impjant</b>
Tniġġiż 1	M: meqjusa	tkg/sena
Tniġġiż 1	Ċ: kalkulat	
Tniġġiż N	E: estimat	
<b>Data ta' sottomissjoni għall-Kummissjoni</b>		
<b>Persuna ta' kuntatt fl-Istat Membru</b>		
Nru telefoniku		
Nru tal-fax		
Indirizz ta' E-mail		

## L-ANNEX A 3

**Kategoriji ta' sorsi u kodiċi NOSE-P sabiex jiġu rrapportati**

IPPC	L-attivitajiet ta' l-Anness I (kategoriji ta' sorsi)	NOSE-P	Ipproċessar NOSE-P (allokazzjoni fi gruppi NOSE-P)	SNAP 2
1.	<b>Industriji ta' enerġija</b>			
1.1.	Installazzjonijiet ta' kombustjoni > 50 MW	101.01	Kombustjoni ipproċessar > 300 MW (Biċċa kollha grupp)	01-0301
		101.02	Kombustjoni ipproċessar > 50 and < 300 MW (Grupp sħiħ)	01-0301
		101.04	Kombustjoni fturbini tal-gass (Grupp sħiħ)	01-0301
		101.05	Kombustjoni f'magni wieqfa (Sħiħ grupp)	01-0301
1.2.	Żejt minerali u raffinaturi tal-gass	105.08	Ipproċessar ta' prodott ta' petrolju (Manifattura ta' karburanti)	0401
1.3.	Fran ta' l-ikkokjar	104.08	Fran ta' l-ikkokjar fornijiet (manifattura ta' l-ikkokjar, prodotti ta' petrolju u karburant nukleari)	0104
1.4.	Gassifikazzjoni tal-faħam u impjanti ta' likwifikazzjoni	104.08	Trasformazzjoni tal-karburant solidu ieħor (Manifattura ta' kokjar, prodotti ta' petrolju u karburant nukleari)	0104
2.	<b>Produzzjoni u proċessar ta' metalli</b>			
2.1./2.2./2.3./2.4./2.5./2.6.	Industrija tal-metall u inkaljar tal-metall jew Installazzjonijiet ta' sinteri; Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħadid u metalli li mhux tal-ħadid	104.12	Primarji u produzzjoni tal-metall sekondarju jew impjanti sinteri (Industrija tal-metall li tinvolvi, karburant kombustjoni)	0303
		105.12	Ipproċessar karatteristiku fil-manifattura ta' metalli u prodott tal-metall (Industrija tal-metall)	0403
		105.01	Trattament tal-wiċċ ta' metalli u plastiks (Skop ġenerali li jimmanifattura proċessar)	
3.	<b>Industrija minerali</b>			
3.1./3.3./3.4./3.5.	Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' siment <i>klinker</i> (> 500 t/jum), ġir (> 50 t/day), ħġieġ (> 20 t/jum), sustanzi minerali (> 20 t/jum) ta' prodotti ċeramiċi (> 75 t/jum)	104.11	Manifattura ta' ġibs, asfalt, konkrit, siment, ħġieġ, fibri, bricks, madum jew ċeramika prodotti (industrija ta' prodott minerali li tinvolvi kombustjoni ta' karburant)	0303
3.2.	Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' asbestos jew prodotti bil-qiegħ ta' l-asbestos	105.11	Manifattura ta' asbestos u b'qiegħ ta' l-asbestos prodotti (industrija ta' prodotti minerali)	0406
4.	<b>Industrija kimika u Installazzjonijiet kimiċi għall-produzzjoni ta':</b>			
4.1.	Kimiċi organiċi bażiċi	105.09	Manifattura ta' kimiċi organiċi (Kimika industrija)	0405
		107.03	Manifattura ta' organiku bil-bażi solventi prodotti (Użu solventi)	0603
4.2./4.3.	Kimiċi inorganiċi bażiċi jew fertilizzaturi	105.09	Manifattura ta' kimiċi inorganiċi jew NPK fertilizzaturi (Industrija kimika)	0404

IPPC	L-attivitajiet ta' l-Anness I (kategoriji ta' sorsi)	NOSE-P	Ipproċessar NOSE-P (allokazzjoni fi gruppi NOSE-P)	SNAP 2
4.4./4.6.	Biossidi u splussivi	105.09	Manifattura ta' pestiċidi jew esplosivi (Kimika industrija)	0405
4.5.	Prodotti farmaċewtiċi	107.03	Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi (Użu solventi)	0603
5.	<b>Maniġġjar ta' l-iskart</b>			
5.1./5.2.	Installazzjonijiet għar-rimi jew irkupru ta' skart ta' periklu (> 10 t/jum) jew municiċipali skart (> 3 t/siegħa)	109.03	Inċinerazzjoni ta' periklu jew skart municiċipali (Inċinerazzjoni ta' l-iskart u piroloži)	0902
		109.06	Landfills (Rimi ta' l-iskart solidu fuq l-art)	0904
		109.07	Trattament psikokimiku u bijoloġiku ta' skart (Maniġġjar ta' skart ieħor)	0910
		105.14	Riġenerazzjoni/irkupru ta' materjali ta' l-iskart (Industrija ta' reċiklaġġ)	0910
5.3./5.4.	Installazzjonijiet għar-rimi ta' skart li mhux ta' periklu (> 50 t/jum) u landfills (> 10 t/jum)	109.06	Landfills (Rimi ta' skart solidu fuq l-art)	0904
		109.07	Trattament psikokimiku u bioloġiku ta' skart (Maniġġjar ta' skart ieħor)	0910
6.	<b>Attivitajiet oħra ta' l-Anness I</b>			
6.1.	Impjanti industrijali għall-polpa mill-injam jew materjali ta' fibri u karta jew produzzjoni tal-bord (> 20 t/jum)	105.07	Manifattura oħra ta' polpa, karta u prodotti tal-karta (Grupp sħiħ)	0406
6.2.	Impjant għat-trattament minn qabel ta' fibri jew tessili (> 10 t/jum)	105.04	Manifattura ta' tessili u prodotti tessili (Grupp sħiħ)	0406
6.3.	Impjant għal ikkunzar ta' ġlud u ġlud ħoxnin (> 12 t/jum)	105.05	Manifattura ta' ġilda u prodotti tal-ġilda (Grupp sħiħ)	0406
6.4.	Biċċeriji (> 50 t/jum), Impjant għall-prodotti tal-ħalib (> 200 t/jum), annimali oħra materjal prim (> 75 t/day) jew ħaxix mhux maħdum materjali (> 300 t/jum)	105.03	manifattura ta' prodotti ta' l-ikel u xorb (Grupp sħiħ)	0406
6.5.	Installazzjonijiet għar-rimi jew reċiklaġġ ta' karkassi ta' l-annimali u skart ta' l-annimali (> 10 t/jum)	109.03	Inċinerazzjoni ta' karkassi ta' l-annimali u annimali skart (Inċinerazzjoni ta' l-iskart u piroloži)	0904
		109.06	Landfills (Rimi ta' l-iskart solidi fuq l-art)	0904
		105.14	Reċiklaġġ ta' karkassi/skart ta' l-annimali (Reċiklaġġ industrija)	0910
6.6.	Installazzjonijiet għal tjur (> 40 000), ħnieżer (> 2 000) jew majjaliet (> 750)	110.04	Fermentazzjoni enterika (Grupp sħiħ)	1004
		110.05	Maniġġjar tad-demel (Grupp sħiħ)	1005
6.7.	Installazzjonijiet għat-trattament tal-wiċċ jew prodotti bl-użu ta' solventi organiċi (> 200 t/sena)	107.01	Applikazzjoni taż-żebgħa (Użu solventi)	0601
		107.02	Mezz biex jinħall ix-xaħam, tniddif u elettroniċi (Użu solventi)	0602
		107.03	Tlestija tat-tessut jew ikkunzar tal-ġilda (Użu solventi)	0603
		107.04	Industrija ta' l-istampar (Użu solventi)	0604
6.8.	Installazzjonijiet għall-produzzjoni tal-karbone jew tal-graffit	105.09	Manifattura tal-karbone jew graffit (Industrija kimika)	0404

## L-ANNEX A4

**Definizzjonijiet użati fir-relazzjoni ma' EPER**

Oġġett	Tifsira
IPPC Direttiva	Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE dwar il-prevenzjoni integrata tat-tniġġis u kontroll
Installazzjoni	Unità stazzjonarja teknika, fejn attività waħda jew iktar mniżżla fl-Anness I għall-IPPC Direttiva saret, u kull attività assoċjata diretta oħra, li għandha konnessjoni teknika ma' l-attivitajiet li saru fuq dak il-post u li jista' jkollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis
L-Anness I attività	Attività mniżżla fl-Anness I għad-Direttiva IPPC 96/61/KE kif aggregata u speċifikata fl-L-Anness A 3
EPER	Reġistru ta' l-emissjoni dwar it-tniġġis Ewropew
Sors ta' tniġġiż	ta' tniġġis individwali jew grupp ta' sustanzi mniżżla fl-Anness A 1
Sustanza	Kull element kimiku u l-komposti tiegħu, bl-eċċezzjoni ta' sustanzi radjoattivi
Emissjoni	Rilaxx dirett ta' tniġġis ta' l-arja u l-ilma kif ukoll bħar-rilaxx indirett bi trasferiment għal impjant għal trattament ta' l-iskart ta' l-ilma 'l barra mill-post
Faċilità	Kumpless industrijali b'installazzjoni waħda jew iktar fl-istess post, fejn ħaddiem wieħed iwettaq Attività jew aktar ta' l-Anness I
Post	Post ġeografiku tal-faċilità
Ċiklu irrapurtat	Ċiklu tal-proċess irrapurtat totali, li jikkonsisti mill-ġbir, validazzjoni, sottomissjoni, ġestjoni u disseminazzjoni tad-data rrapurtata
Kodiċi NACE	Nomenklatura <i>standard</i> għall-attivitajiet ekonomiċi
Kodiċi NOSE-P	Nomenklatura <i>standard</i> għal sorsi ta' emissjonijiet
Kodiċi SNAP	Nomenklatura użata f'inventorji ta' emissjoni oħra